MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru 159/2008

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

Carl Zahra
Bertram Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 312890(M) u 340390(M) rispettivament akkuzati talli:

1. fis-26 ta' Frar 2006, ghall-habta ta' nofs inhar minn fuq il-monti fi Triq il-Merkanti l-Belt Valletta, ikkommettew serq ta' basket ta' kulur iswed (handbag) li kien fih €360 (Lm154.55) u diversi oggetti, fosthom dokumenti personali

u deposit book tal-BOV ghad-dannu ta’ Margaret Attard Id. 316048(M).

Lil Bertram Zahra wahdu akkuzat talli sar recidiv u kif ukoll kkometta reat fil-perjodu operattiv ta’ Probation Order moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta’ Lulju 2006, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew mahfura.

Rat l-kunsens sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jirrigwardaw serq aggravat bil-valur. Mill-provi jirrisulta illi s-serq kien ta’ ‘handbag' li insteraq minn fuq tilar tas-suq tal-Belt u kien jappartjeni lil Margaret Attard. Fil-waqt li din xehdet, hi gharfet lill-imputati izda gharfet l-aktar lill-imputat Bertram Zahra. Stqarret “fil-gurnata inkwistjoni naf li wiehed minnhom kien gie fuqi u staqsieni jekk ghandix ‘tracksuits’ ghall-bejgh u jiena dawwart wicci biex nindikalu li t-tilar ta’ hdejja kien qieghed ibigh dawn it-tip ta’ affarijiet…fil-fatt lill-‘hawker’ in-kwistjoni ghajjatlu…f’daqqa u l-hin naf illi dan qabad il-‘handbag’u telaq bih…”. Bhala fatt fuq il-post inzamm l-imputat Bertram però l-provi ma jhallux dubbju li l-imputat l-iehor ipparteciepa attivament. Dan il-fatt hu tabilhaqq ammess fl-istqarrija ta’ dan l-imputat.

Jemergi bhala fatt ukoll li l-flus u l-kontenut tal-‘handbag’ baqaw intatti u gew restitwiti lid-derubata fil-kors ta’ dawn il-proceduri.

Illi kollox ma’ kollox, ukoll meta tqies l-istqarrijiet rispettivi tal-imputati, l-Qorti m’ghandhiex dubbju illi z-zewg imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuza ta’ serq kif dedotta u dan irrispettivament min minnhom tresporta l-‘handbag’. Li ma giex pruvat hi l-akkuza tar-recidiva kontra l-imputat Bertram Zahra.

Ikkonsidrat l-età minorenni tal-imputati. Rat l-Artikolu 261 (c), 267, 279 (a) u 37 tal-Kap 9. Tiddeciedi, fil-waqt li issibhom hatja tal-akkuza kif dedotta, li tapplika kontra taghhom l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin billi tqeghdhom taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation fost kundizzjonijiet ohra skond l-annessa formula li jissottoponu ghal test tal-urina kull hmistax jew kif altrimenti tordna l-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------